

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Petizzjonijiet

12.7.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1249/2008 imressqa mis-Sur Neil MacNeil, ta' nazzjonalità Britannika, b'iktar minn 32 firma, dwar is-sitwazzjoni li mhix sodisfaċenti tas-servizzi tal-broadband fid-distrett ta' Northbay f'Barra (Gżejjer tal-Punent, l-Iskozja)

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jikkritika l-kwalità fqira tas-servizzi tal-*broadband* fid-distrett ta' Northbay f'Barra (Gżejjer tal-Punent, l-Iskozja). Il-petizzjonant jisfida r-riżultati ta' proġett iffinanzjat mill-UE li jimmira li jipprovdi l-*broadband* f'partijiet rurali u remoti fl-Iskozja. Skont il-petizzjonant, il-*Connected Communities Broadband Provisions (ConCom)* naqsu milli jipprovdu servizz affidabbli u kompetittiv lil żoni kbar tal-Gżejjer tal-Punent u dan ġiegħel lir-residenti li jagħmlu petizzjoni lill-awtoritajiet Skoċċiżi biex jitwaqqaf il-proċess ta' implimentazzjoni. Il-petizzjonant isostni li fil-komunità ħadd ma ried jabbona mal-*ConCom*. Huwa jikkunsidra li l-aħjar mezz biex ikollok servizz tal-*broadband* ta' kwalità huwa billi tiġi aġġornata l-infrastruttura eżistenti tal-linji tat-telefon tal-*British Telecom*. Il-petizzjonant jikkritika l-ebusija ta' ras l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jibqgħu jinsistu li jinvestu fil-proġett *ConCom* minkejja li ntvera li mhux vijabbli. Huwa jitlob lill-Parlament Ewropew jintervjeni biex jittieħdu passi biex jiġi pprovdut servizz vijabbli ta' *broadband* fil-gżira.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-17 ta' Frar 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 192(4) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar l-24 ta' April 2009.

It-tħassib dwar id-disponibilità tal-*broadband* fil-Gżejjer tal-Punent tal-Iskozja huwa kwistjoni li diġà tressqet quddiem il-Kummissjoni f'diversi okkażjonijiet.

Kif diġà ntqal qabel, il-Kummissjoni Ewropea wkoll turi t-tħassib tagħha dwar id-

disponibilità tal-*broadband* f'żoni inqas żviluppati kif issemma fil-Komunikazzjoni "Innaqqsu d-Distakk fir-rigward tal-*Broadband*" ta' Marzu 2006. B'mod partikolari, il-fondi strutturali u rurali tal-UE huma disponibbli biex ikun hemm servizz tal-*broadband* f'żoni rurali u remoti li ma tantx huma popolati, u fejn is-suq mhux qed jirnexxilu jinvesti f'infrastruttura adegwata.

F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni Ewropea rrevediet għadd ta' proġetti ta' *broadband*¹ fl-Iskozja skont ir-regolament dwar l-għajjuna mill-istat, li uħud minnhom kellhom xi tip ' kofinanzjament mill-Fondi Strutturali.

Programmi kofinanzjati mill-Fondi Strutturali fl-Iskozja huma mfassla biex jipprovdu appoġġ għan-negozji għal Kumpaniji Żgħar u ta' daqs medju (SMEs), biex jiżviluppaw siti u setturi strateġiċi, biex jinvestu f'nies biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew biex itejbu l-abbiltajiet tagħhom, u biex jippromwovu u jappoġġjaw żvilupp ekonomiku tal-komunità. Hemm inkluż ukoll element ta' infrastruttura tat-trasport u żvilupp fit-Teknoloġiji tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni (ICT).

Għall-Programm Tranżizzjonali Speċjali tal-2000-2006 għall-Highlands u l-Gżejjer (Highlands and Islands Special Transitional Programme), il-Gvern Skoċċiż inħatar bħala Awtorità tal-Immaniġġjar. Kwistjonijiet operazzjonali ta' kuljum jgħaddu għand il-Programm ta' Sħubija għall-Highlands u l-Gżejjer (the Highlands & Islands Partnership Programme (HIPP)). Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, l-Awtorità tal-Immaniġġjar hija responsabbli għall-effiċjenza u l-korrettezza tat-tmexxija u l-implimentazzjoni tal-programm.

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Politika Reġjonali, li jitratta proċetti ta' żvilupp reġjonali, diġa' qajjem din il-kwistjoni quddiem l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-immaniġġjar tal-Fondi Strutturali fl-Iskozja.

Waqt il-laqgħa ta' Reviżjoni Annwali f'Ottubru 2008, li hija maħsuba biex tirrevedi r-riżultati ewlenin tal-programm tas-sena preċedenti, il-Gvern Skoċċiż ġie mitlub biex jagħti aġġornament dwar il-proġett ta' Komunitajiet Konnessi fil-Highlands u l-Gżejjer. Huma infurmaw lill-Kummissjoni li bil-proġett kienu qed jintlaħqu l-għanijiet tagħha u pprova informazzjoni dwar l-ispiża tal-provvista tal-*broadband* li hija konformi mat-tariffi tal-*British Telecom*. Il-Kummissjoni ġiet infurmata wkoll li l-*British Telecom* qed tippjana li jkun hemm aktar siti disponibbli fil-bidu tal-2009.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni se tkompli timmoniterja l-prestazzjoni tal-programm biex jinkisbu l-għanijiet speċifiċi tal-għajjuna. Madankollu, huwa l-Istat Membru li jrid jieħu r-responsabilità fil-bidu għall-kontroll finanzjarju tal-għajjuna, waqt li jiżgura li din tkun immaniġġjata skont ir-regoli kollha applikabbli tal-Komunità u li l-fondi li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom jintużaw skont il-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja soda.

¹ Ara wkoll:

http://ec.europa.eu/information_society/eeurope/i2010/docs/digital_divide/dg_comp_decision_s.doc

4. Tweġiba oħra tal-Kummissjoni, li waslet fit-12 ta' Lulju 2010.

Wara talba min-naħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, il-Gvern Skoċċiż wieġeb permezz ta' ittra tal-24 ta' Marzu 2009, fejn wera l-pożizzjoni tiegħu b'rabta ma' dan il-każ. Il-petizzjonant wieġeb fis-7 ta' April 2009, u kkummenta dwar l-informazzjoni provduta.

Fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-31 ta' Marzu 2009, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni taw spjegazzjoni orali fil-qosor dwar l-isfond tal-petizzjoni u wrew it-tħassib tagħhom dwar id-disponibilità tal-*broadband* f'żoni inqas żviluppati fl-Iskozja. Il-petizzjonant ukoll kien preżenti għal din il-laqgħa. Wara diskussjoni qasira, u peress li hija r-responsabilità tal-awtorità amministrattiva li tiżgura ġestjoni u implimentazzjoni effikaċi tal-programm, il-Kumitat qabel li jibgħat ittra lill-Awtoritajiet Skoċċiżi fejn jispjega t-tħassib tiegħu.

Fl-2009, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja l-Programm Tranżizzjonali Speċjali tal-2000-2006 għall-Highlands u l-Gżejjer, filwaqt li ta attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni.

Il-korrispondenza ulterjuri min-naħa kemm tal-Gvern Skoċċiż kif ukoll tal-petizzjonant ma pprovdiet l-ebda informazzjoni li tirrikjedi revizzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġiet informata li l-proġett inizjali ConCom, fejn kien involut finanzjament mill-ERDF, ma kienx estiż għad-dar tal-petizzjonant. Sar imbagħad investiment ulterjuri mill-Highlands and Islands Enterprise biex is-servizz jiġi estiż sabiex jinkludi l-proprjetà tal-petizzjonant u biex tiġi indirizzata parti mit-tħassib tal-petizzjonant. Dan ma attirax l-investiment tal-ERDF.

Il-Programm Tranżizzjonali Speċjali tal-2000-2006 għall-Highlands u l-Gżejjer ġie maħsub bħala programm tranżizzjonali. Il-programm kellu l-oġġettiv li jikseb patrimonju strateġiku fundamentali li mhux neċessarjament jirnexxilu jikseb waħdu l-oġġettivi b'rabta ma' riġenerazzjoni ekonomika sħiħa, iżda li jipprovdi pjattaforma b'saħħiħha għall-politika tal-iżvilupp ekonomiku biex imbagħad wieħed ikun jista' jibni fuqha fil-perjodu ta' wara l-2006. L-eżistenza ta' dan il-patrimonju kienet diġà evidenti fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-prestazzjoni tal-programm, li saret bi qbil mar-Regolament dwar il-Fondi Strutturali (KE) Nru 1260/1999. Madankollu, parti kbira mis-suċċess jinħass fil-fatt li l-programm jiġbor fih mezzi ta' appoġġ għal proġetti kritiċi fundamentali, bħall-UHI u l-iżvilupp tal-*broadband*. L-istess prinċipji ġew estiżi għall-iżvilupp tal-programm operattiv 2007-2013 għal din iż-żona.

Konklużjoni

Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni ma nbidlitx. Hi għadha timmonitorja l-prestazzjoni tal-programm sabiex jinkisbu l-oġġettivi speċifiċi għall-assistenza. Huwa madankollu l-Istat Membru li huwa responsabbli fl-ewwel istanza mill-kontroll finanzjarju tal-assistenza, billi jiżgura li din tiġi ġestita b'konformità mar-regoli kollha applikabbli tal-UE u li l-fondi kollha disponibbli jintużaw bi qbil mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda.